A.L. 52 ta' l-1991

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI ("STOCK" U TITOLI REĠISTRATI) KAP. 161

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, għall-Ħruġ ta' Lm1,000,000 7% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 2000/2001

(IT-TIENI ĦRUĠ)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), Kap. 161, il-Ministru tal-Finanzi awtorizza il-ħruġ ta' Lm1,000,000 7% *Stock* Lokali Reġistrat għall-Iżvilupp 2000/2001 (It-Tieni Ħruġ) kif ġej:—

Mod tal-ħruġ ta' l-*istock*.

1. L-*istock* jinħareġ bil-prezz ta' Lm102 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni. Meta jitħallas għal kollox l-*istock* jiġi reġistrat. Applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-*istock* jiftħu t-Tnejn, 29 ta' April, 1991 u jagħlqu f'nofs in-nhar ta' nhar is-Sibt, 11 ta' Mejju, 1991 jew qabel fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*.

Somma ta' flus li għandha tingħabar

2. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*Stock* tkun ta' Lm1,000,000.

Rata ta' imgħax u dati tal-ħlas.

3. L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fil-11 ta' Mejju u fil-11 ta' Novembru ta' kull sena matul il-kors ta' l-*istock* . L-ewwel ħlas ta' Lm3.50,0 kull Lm100 *stock* relattivament għall-perijodu bejn it-12 ta' Mejju, 1991 u fil-11 ta' Novembru, 1991, għandu jsir fil-11 ta' Novembru, 1991.

Rata ta' kontribuzzjoni għall-ammortizzament.

4. Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux anqas minn Lm10,000 mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament sabiex jifdi l-*istock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir fi żmien tlett snin mit-12 ta' Mejju, 1991.

Fidwa ta' *Stock*.

5. L-*istock* għandu jiġi mifdi bir-rata ta' Lm100 għal kull Lm100 *stock* f'dik id-data bejn l-1 ta' Jannar, 2000 u l-31 ta' Diċembru, 2001 (iż-żewġ dati magħdudin) kif jiġi stabbilit mill-*Accountant General* u avżat fil-Gazzetta. L-*istock* jinfeda biss mal-konsenja taċ-ċertifikat ta' l-*istock* maħruġ.